MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 226/2010

Joseph **CARUANA CURRAN** (Junior), u Patrick Bonniċi

vs

**KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Marzu, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 181/2010 maħruġ kontra tagħhom (u oħrajn) fil-5 ta' Frar, 2010, fuq talba tal-intimat; (b) tħassar l-effetti kollha ta' dak l-att eżekuttiv; (ċ) tiċħad it-talba tal-intimat kif magħmula fl-Ittra Uffiċjali tiegħu lilhom tas-6 ta' Otubru,

2006; (d) tiddikjara li l-pretensjonijiet tal-intimat kif dedotti f’dik l-ittra uffiċjali flimkien mat-talba għall-hlas tal-ispejjeż marbuta mal-preżentata ta’ dak l-att ġudizzjarju m’humiex mistħoqqa u billi r-rikorrenti jinstab li m’humiex debituri tal-istess intimat; (e) tħassar u tirrevoka l-effetti kollha tal-imsemmija ittra uffiċjali u tal-Avviż ta’ Talba għal Ħlas mehmuż mal-istess ittra uffiċjali; u (f) tagħti l-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa, okkorrendo anke li tordna riferenza kostituzzjonali;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Marzu, 2010, li bih ordnat in-notifika tar-Rikors lill-intimat bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tas-16 ta’ Marzu, 2010;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissarju intimat fil-15 ta’ Marzu, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qal li l-Qorti ma jmisshiex tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Marzu, 2010, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa każ għat-tħassir ta’ Mandat Eżekuttiv u ta’ titolu eżekuttiv. Ir-rikorrenti jridu li jitħassru l-effetti ta’ Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontra tagħhom fi Frar ta’ din is-sena fuq talba tal-Kummissarju intimat, u kif ukoll it-tħassir tal-Ittra Uffiċjali li l-istess initimat ħareġ konta tagħhom f’Ottubru tal-2006 biex jitlobhom iħallsu somma ta’ taxxa fuq il-Valur Miżjud dovuta mill-kumpannija Caruana Cold Storage & Imports Limited, li tagħha huma kienu diretturi. Huma jgħidu li dak it-tħassir imissu jsir għaliex huma qatt ma rċevew notifika kif trid il-

liġi tat-Talba tal-Kummissarju għall-Ħlas kif jitlob l-artikolu 59(2) tal-Att XXIII tal-1998 (Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta), għaliex l-imsemmija atti nħarġu kontra tagħhom b'mod abbużiv u illegali billi huma qatt ma kellhom it-tmexxija jew fil-kontroll tagħhom il-finanzi tal-imsemmija kumpannija, u wkoll għaliex l-imsemmija att eżekuttiv u titolu eżekuttiv jiksru l-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq u għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom, għaliex joħolqu piż eċċessiv fuqhom billi jorbtuhom b'responsabbilta' personali għall-ħlas ta' taxxa dovuta minn terza persuna;

Illi l-Kummissarju intimat jisħaq li t-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jintlaqgħu billi t-titolu eżekuttiv minnu miksub sar sewwa u segwa l-proċeduri stabiliti mil-liġi, u li r-rikorrenti, f'kull żmien rilevanti, kienu diretturi tal-kumpannija Caruana Cold Storage & Imports Limited u għalhekk responsabbli magħha għall-ħlas tat-taxxa minnha lilu dovuta;

Illi bħala fatti rilevanti li jgħoddu għall-każ jirriżulta mill-atti li r-rikorrenti għamlu żmien diretturi tal-kumpannija Caruana Cold Storage & Imports Limited. F'April tal-2006[1], il-Kummissarju intimat ħareġ avviż ta' ħlas lill-kumpannija;

Illi fis-6 ta' Ottubru, 2006, il-Kummissarju intimat bagħat ittra uffiċjali lir-rikorrenti (u lill-istess kumpannija u direttur ieħor) għall-finijiet tal-artikolu 66 tal-Kap 406, jinterpellahom biex iħallsu s-somma ta' mija u sitta u tletin elf erba' mija u sebgħa u tmenin lira Maltija (Lm 136,487) bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud[2]. Ir-rikorrenti laqgħu n-notifika ta' dik l-ittra fil-11 ta' Ottubru, 2006 (fil-każ tar-rikorrent Bonniċi) u fis-16 ta' Novembru, 2007 (fil-każ tar-rikorrent Caruana Curran, bil-proċedura tal-affissjoni) rispettivament;

Illi b'Avviż mibgħut lir-Reġistratur tal-Kumpanniji fit-13 ta' Ottubru, 2006[3], ir-rikorrent Bonniċi bagħat jgħarraf li kien

[1] Dok "MSA", f'paġ. 15 tal-proċess
[2] Dok "MSE", f'paġ. 20 tal-proċess
[3] Dok "PB", f'paġ. 8 tal-proċess

irriżenja mill-kariga ta' direttur tal-kumpannija Caruana Cold Storage Storage & Import Limited b'seħħ minn dak inhar. Filwaqt li b'avviż ieħor mibgħut fl-14 ta' Lulju, 2008, ir-rikorrent Caruana Curran irriżenja minn direttur u minn segretarju tal-imsemmija kumpannija b'seħħ minn dak inhar[4];

Illi l-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv inħareġ fil-5 ta' Frar, 2010[5], kontra r-rikorrenti (u oħrajn) għas-somma ta' tliet mija u sbatax-il elf, disa' mija u disgħa u għoxrin euro (€ 317,929) flimkien ma' €193.17 spejjeż u drittijiet tal-ittra uffiċjali;

Illi fit-12 ta' Frar, 2010[6], l-bank sekwestratarju personali tar-rikorrent Bonniċi għarrfu bil-Mandat. Fis-16 ta' Frar, 2010[7], ir-rikorrent Bonniċi qabbad avukat biex jikteb lid-Dipartiment tal-Kummissarju intimat biex ifisser l-ilment tiegħu u l-qagħda tiegħu fi ħdan il-kumpannija taxxata. Din il-kawża nfetħet fit-8 ta' Marzu, 2010;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li joqogħdu għall-każ, din il-Qorti jidhrilha li qabel kull ħaġa oħra għandha tosserva li l-liġi trid li kull att jew kitba ġudizzjarja tkun tingħaraf b'mod distint[8]. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrenti ressqu l-azzjoni tagħhom bħala "Rikors ta' Joseph Caruana Curran u Patrick Bonniċi ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 u għal kull buon fini", liema frażi żdiedet dak inhar li tressaq l-att. Il-Qorti trid tagħmilha ċara li ma jidhrilhiex li huwa xieraq (la għaliha u wisq aktar għall-parti intimata) li, biż-żieda ta' frażijiet li ma jkollhomx tifsira ċara, jitressqu quddiemha atti ġudizzjarji li, minflok jiċċaraw in-natura tal-proċedura li tkun maħsuba fihom, jipprovaw iwessgħu l-firxa ta' azzjonijiet li jitressqu taħthom. Kemm hu hekk, bl-espedjent ta' rikors (li m'huwiex lanqas maħluf), ir-rikorrenti ressqu sensiela ta' talbiet (li wħud minnhom saħansitra jistiednu għall-kunsiderazzjonijiet ta' indoli kostituzzjonali jew "konvenzjonali") li, fil-fehma tagħha, jmisshom jitressqu

4 Dok "JJM", f'paġ. 7 tal-proċess
5 Dok "181", f'paġ. 6 tal-proċess
6 Dok "APS01", f'paġ. 4 tal-proċess
7 Dok "MSC", f'paġ. 17 tal-proċess
8 Art 174(1)(ċ) tal-Kap 12

taħt il-proċedura xierqa u mhux bil-mod li segwew ir-rikorrenti;

Illi, b'dan il-mod, il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara li hija qiegħda tqis din il-kawża biss bħala waħda mressqa taħt il-proċedura speċjali maħsuba fl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa wkoll minħabba f'hekk, u minħabba fiż-żmien speċifiku li l-liġi tistabilixxi biex azzjoni bħal din tinstema' u tkun deċiża minn dak inhar li jitressaq ir-rikors[9], li din id-deċiżjoni qiegħda tingħata llum u fil-limiti stretti ta' dak li tali proċedura speċjali tistenna li jsir;

Illi tajjeb li wieħed jisħaq fuq il-fatt li l-artikolu 281 jitkellem dwar proċedura biex tattakka **atti** eżekutivi. L-atti eżekutivi magħrufa mil-liġi huma dawk li jissemmew b'mod tassativ fl-artikolu 273 tal-Kodiċi tal-Proċedura. Dan ifisser għalhekk li din l-azzjoni li għandha quddiemha llum trid tistħarreġ biss l-aspetti marbutin mal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontra r-rikorrenti (jiġifieri l-**att** eżekuttiv) u mhux ukoll it-**titolu** eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ dak il-Mandat. B'dan il-mod, kull premessa fir-rikors promotur jew kull talba li b'xi mod titlob li din il-Qorti tistħarreġ jew tagħti l-ġudizzju tagħha dwar is-siwi tal-imsemmi titolu eżekuttiv m'għandhiex postha fi proċedura bħal din. Jidher li r-rikorrenti ma fehmux sewwa d-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ suriet (jew ipprovaw jolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda) u induċew lill-Kummissarju intimat biex fid-difiża tiegħu jidħol fl-istess livell ta' argument;

Illi kif ingħad bosta drabi mill-Qrati tagħna dwar proċedura bħal din tal-lum, l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-

[9] Art. 281(3) tal-Kap 12

istess att eżekuttiv ikun inħareġ[10]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[11]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

---

[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[11] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

Illi fil-każ tal-lum, l-argument ewlieni tar-rikorrenti kontra l-ħruġ tal-Mandat impunjat jinbena fuq il-fatt li huma ma kienu qatt diretturi effettivi tal-kumpannija taxxabbli u qatt ma kienu jinvolvu rwieħhom fit-tmexxija tal-finanzji tagħha. Dan il-fatt huwa mtenni b'xhieda li tgħid li r-rikorrenti kienu "diretturi tal-isem ... (li) daħlu fuq il-Bord (tad-Direttur) biss b'sens ta' lejalta' u amiċizja"[12] lejn il-kumpannija. Kemm hu hekk, ħareġ ċar ukoll[13] li r-rikorrent Bonniċi kien impjegat tal-kumpannija għal żmien twil u ddaħħal fil-Bord tad-Diretturi (bħalma ddaħħal ir-rikorrent l-ieħor) għall-iskop biss li jkun kostitwit il-Bord kif irid l-Istatut tal-Kumpannija u li qatt ma kellu sehem fit-tmexxija tal-kumpannija jew saħansitra fid-deċiżjonijiet meħudin minnha;

Illi fil-qofol tiegħu, il-Kummissarju intimat ma jikkontestax dan il-fatt ċirkostanzjali taż-żewġ rikorrenti, imma jisħaq u ressaq provi[14] biex juri li, sa dak inhar li nħarġet l-ittra uffiċjali li ħalqet it-titolu eżekuttiv minnu vantat, iż-żewġ rikorrenti kienu effettivament reġistrati bħala diretturi (fil-każ tar-rikorrent Caruana Curran kien ukoll segretarju tal-kumpannija taxxata). Kif issottomettiet b'qawwa l-għaref difensur tal-intimat, b'dan isegwi li meta nħalaq it-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat, iż-żewġ rikorrenti kienu persuni li, bil-liġi[15], kienu marbutin solidalment mal-kumpannija taxxata. Għalhekk, tkompli targumenta li ladarba l-Mandat inħareġ bis-saħħa ta' dak it-titolu li baqa' qatt ma ġie attakkat, ma jistax jingħad li l-Mandat innifsu huwa bla siwi jew imissu jkun imħassar;

Illi l-Qorti tosserva li dan l-argument tal-intimat ma jistax ikun injorat, u dan għaliex mibni strettament fuq dak li trid il-liġi. Huwa minnu li, fil-każ ta' liġijiet fiskali, it-tifsira li trid tingħata trid tkun waħda stretta u bla twessigħ żejjed, imma l-effetti li jinħalqu bit-tħaddim ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi partikolari (jiġifieri l-Kap 406) marbutin mal-liġi dwar it-tifsir tal-liġijiet[16], huma ċari[17];

[12] Affisdavit ta' Joe Caruana Curran (senior), Dok "JCC02", f'paġ. 9 tal-proċess
[13] Xhieda tar-rikorrent Patrick Bonniċi 16.3.2010, f'paġġ. 47 – 9 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Maryanne Schembri 16.3.2010, f'paġġ. 39 sa 45 tal-proċess
[15] Artt. 66(3) u 82(2) tal-Kap 406
[16] Art 13 tal-Kap 249
[17] Ara b'eżempju imam fil-kuntest tal-qasam kriminali App. Krim. JGD **2.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. A.P. Miruzzi) vs Jean Carl Farruġia***

Illi l-Qorti tifhem li, fil-waqt li nħareġ il-Mandat impunjat bil-proċedura tal-lum, iż-żewġ rikorrenti ma kinux għadhom diretturi tal-kumpannija taxxata. Madankollu, fatt bħal dan ma jnaqqas xejn mis-saħħa li jista' jkollu titolu eżekuttiv li jkun inħalaq kontra l-istess rikorrenti u li ma jkunx ġie mħassar. Sakemm dak it-titolu jkun fis-seħħ, il-liġi nnifisha tagħti lill-parti kreditriċi l-jedd li tesegwixxi l-istess titolu bil-ħruġ ta' xi wieħed jew aktar mill-atti eżekutivi disponibbli. Tqis ukoll li, sa dak inhar li nħareġ il-Mandat, il-kreditu mitlub mill-Kummissarju intimat ma kienx għadu ġie saldat;

Illi l-Qorti ssib li s-sentenza li jsemmu r-rikorrenti bħala kenn u tarka għall-ilment tagħhom kontra l-Mandat[18] ma tistax tkunilhom ta' fejda fil-proċedura tal-lum, u dan għaliex dik is-sentenza kienet tirreferi għall-proċedura li tattakka s-siwi tat-**titolu** eżekuttiv, filwaqt li, kif ingħad aktar qabel, din il-proċedura tal-lum hija maħsuba li tistħarreġ biss is-siwi u ż-żamma fis-seħħ jew it-tħassir (għal kollox jew f'parti minnu) ta' **att** eżekuttiv. L-argumenti l-oħrajn magħmula mill-għaref difensur tar-rikorrenti kienu marbutin mal-kwestjoni tas-siwi tat-titolu eżekuttiv b'mod partikolari s-siwi tan-notifiki tal-ittra uffiċjali li rrendiet il-pretensjoni tal-intimat bħala waħda eżekuttiva;

Illi jidher, għalhekk, li l-ilment veru tar-rikorrenti ma jistax jissarraf fit-tħassir tal-Mandat Eżekuttiv imma f'li huma jikkontestaw it-titolu li bis-saħħa tiegħu nħareġ. Dan jingħad għaliex ladarba l-Kummissarju intimat seta' kien diġa kiseb titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenti, li messu sar mir-rikorrenti hu li, qabel kull ħaġa oħra, jikkontestaw it-titolu eżekuttiv qabel ma jitolbu t-tħassir tal-Mandat[19]. Kif issemma aktar qabel, il-mod kif wieħed jattakka titolu eżekutiv huwa bil-proċedura ordinarja maħsuba fil-liġi proċedurali u fiċ-ċirkostanzi li proċedura bħal dik għandha titressaq;

---

[18] Ara P.A. GCD **21.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank X. Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** (li hija appellata)

[19] Ara, b'eżempju, P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Mark Grima et***

Illi mbagħad, lanqas ma jista' jitħassar il-Mandat meta dan inħareġ kontra erba' (4) intimati li, tnejn minnhom, lanqas biss huma parti f'din il-kawża tal-lum;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrenti billi ma nġabet l-ebda raġuni tajba għaliex il-Mandat maħruġ imissu jitħassar, bla ħsara ta' kull rimedju ieħor xieraq li l-istess rikorrenti jista' jkollhom biex jattakkaw it-titolu eżekuttiv li taħtu nħareġ l-istess Mandat;

**Tiċħad it-tieni** talba billi din tintrabat mal-ewwel talba, u għall-istess motivazzjoni;

**Tastjeni milli tqis it-talbiet l-oħrajn** billi ma jsibux posthom fil-proċedura speċjali maħsuba bir-Rikors promotur;

**Tordna** li l-ispejjeż ta' din il-proċedura, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jibqgħu **bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------